# Il-qgħad fl-Unjoni Ewropea ... u f'Malta

Skont stħarriġ ippubblikat fil-ġimgħat li għaddew mill-'Eurostat', l-ufficċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea (UE), ir-rata medja ta' nies bla xogħol fl-UE fl-Lulju li għadda kienet ta' 9.5%. Din ir-rata hija ekwivalenti għal madwar 23 miljun persuna.

- Malta hija fost il-pajjiżi bl-anqas rata tal-qgħad fl-UE, b'rata li f'Lulju li għadda kienet ta' 6.3% (3.2% anqas mill-medja tal-UE).
- L-inqas rata tal-qgħad tinsab fl-Awstrija (3.7%), filwaqt li l-pajjiż li għandu l-ogħla rata ta' nies bla impjieg huwa Spanja b' 21.2%.
- Meta mqabbla ma' Lulju tas-sena l-oħra, ir-rata ta' nies mingħajr xogħol f'Lulju li għadda naqset f'sittax-il Stat Membru, fosthom f'Malta, bi tnaqqis ta' 0.5%, waqt li żdiedet fil-ħdax-il pajjiż l-ieħor.
- L-akbar tnaqqis fir-rata tal-qgħad ġie rreġistrat fl-Estonja, li minn 16.1% niżel għal 12.8%. Mill-banda l-oħra, fil-Greċja kien hemm l-ikbar żieda, fejn minn 13.0% telgħet għal 15.0%.
- In-numru ta' żgħażagħ, bejn il-15 u l-24 sena li huma mingħajr impjieg jaqbeż il-5 miljuni. Dan l-ammont ifisser rata ta' 9.7%. F'Malta, ir-rata hi ta' 6.5% - ukoll waħda mill-inqas fost l-Istati Membri tal-UE.
- Ftit li xejn teżisti differenza fir-rata tal-qgħad bejn in-nisa u l-irġiel; filwaqt li għall-irġiel ir-rata hi ta' 9.3%, dik tan-nisa hi ta' 9.7%.

Għal aktar dettalji dwar l-istħarriġ tista' żżur is-sit:

http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_PUBLIC/3-31082011-BP/EN/3-31082011-BP-EN.PDF



Malta-EU Steering & Action Committee

indirizz: 280, Triq ir-Repubblika, Valletta tel: 2200 3300 email: info.meusac@gov.mt
www.meusac.gov.mt

Avviż bi ħlas